**Ruling mogħti mill-Ispeaker Myriam Spiteri Debono fis-Seduta 87 tat-8 ta' Lulju 1997 dwar il-Ħin tal-bidu tas-seduti (kworum)/Tqassim tal-Aġenda/Tqassim tal-Mistoqsijiet Parlamentari**

**MADAM SPEAKER**: Mill-indaġni li saret permezz ta' eżami ta' minuti ta' seduti f'leġiżlaturi li għaddew, irriżulta li kienu rarissimi ħafna dawk is-seduti li bdew fil-ħin.

Din il-proċedura kif sal-lum ipprattikata tevita illi minħabba l-assenza ta' biżżejjed membri skont kif jirrikjedu l-Ordnijiet Permanenti x-xogħol tal-Parlament jiġi rinvjat minn ġurnata għall-oħra.

Is-Sedja jidhrilha li l-Membri kollha f'dan il-Parlament jafu x'inhuma d-doveri tagħhom. Mis-seduta tal-lejla, is-seduti kollha se jibdew fil-ħin li jidher fl-aġenda. Sta għall-Membri kollha li jagħmlu l-almu tagħhom biex skont il-piżijiet li jġorru jaraw li l-Parlament ikompli jiffunzjona.

Rigward ir-risposti għall-mistoqsijiet parlamentari dawn ikunu aċċessibbli malli jispiċċa l-ħin tal-mistoqsijiet. Għandu jiġi apprezzat il-fatt illi r-risposti li jkunu waslu f'dan l-Uffiċċju, b'mod speċjali dawk ir-risposti għal mistoqsijiet orali li jilħqu jiġu mgħajta fis-Seduta, jsiru biss uffiċjali meta l-Ministru jirrispondihom *viva voce* u sa dak il-ħin jistgħu jinbidlu u tingħata verżjoni differenti minn dik li tkun waslet fl-Uffiċċju. Ġie wkoll ivverifikat illi fil-House of Commons il-membri ma jkollhomx aċċess għar-risposti qabel ma jingħataw.

Fuq il-punt li tqajjem dwar it-tqassim tal-aġenda għas-seduta li jkun imiss, dik il-parti tal-aġenda fejn jidhru l-mistoqsijiet se tkun quddiemkom qabel ma tispiċċa s-seduta li f'dak il-ħin tkun għaddejja; dan jgħodd għal meta l-Parlament jiltaqa' minn filgħodu għal filgħaxija u minn filgħaxija għal filgħodu. Rigward dik il-parti tal-aġenda fejn jidhru l-Ordnijiet tal-Ġurnata evidentement din ma tkunx tista' tiġi ċirkolata mill-Uffiċċju qabel ma jitressaq l-aġġornament